# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 172/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Mari Stella Cutajar)

vs

**Jean Claude Mallan**

iben Alexander Arthur, imwieled Zebbug, fis-17 ta' Marzu, 1992, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 155392(M)

Illum, 28 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jean Claude Mullan quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-12 ta' Frar, 2014 ghal habta ta' 20:30 gewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara, waqt li kont qed issuq vettura ta' l-ghamla Rover, bin-numru ta' registrazzjoni FBZ-646:

1. Waqt li kont qed tersaq lejn passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass fejn it-triq kienet immarkata b' linji bojod paralleli u/jew bis-studs matul il-wisa taghha, jew b' sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass, naqas milli jimxi bil-mod u/jew jieqaf, biex thalli n-nies bil-pass jaqsmu b' dan li qasam il-passagg ta' xi nies bil-pass li kienu qed juzawh;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, saq l-istess vettura b' nuqqas ta' kont , bi traskuragni, u/jew b' mod perikoluz.

II-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, b' zieda ghall-piena tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tmint ijiem kif mahsub fl-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta’ April, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-akkuzat hati u ikkundannatu piena karcerarja ta' xaghrejn sospizi ghall-erba (4) snin u ssospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta' tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Jean Claude Mallan ipprezentat fil-21 ta’ April, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza apellata fuq indikata tat-8 ta' April 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u minflok wara li jinstemghu l-provi, tillbera lill-appellant mill-akkuza migjuba kontrih u fin-nuqqas tirrevoka l-istess sentenza u tissostitwija b'sentenza li certament ma tinkludix prigunerija sospiza u sospenzjoni tal-licenza tas-sewqan

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fir-rigward ta' l-ewwel akkuza , jista' jigi rilevat li dak il-hin ma kien hemm hadd li kien qed jaqsam miz-zebra crossing. Mill-Affidavit ta' l-iSpettur James Grech stess jipprovdi li kien hemm persuni jistennew sabiex jaqsmu u ghalhekk hadd ma qasam mill-imsemmija triq.

Illi ghalhekk is-sewqan ta' l-appellant ma setghetx tikostitwixxi dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi sewqan perikoluz. Kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (P vs

Aldo Muscat; 27/05/2004), jekk sewqan hux (i) negligenti; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree"• (App Krim Pul vs Charles Bartolo 14/3/59; P vs Wilson-Vol XXXIX p.1018 u P vs Alfred Vella - Vol XLIV; P 933)u kif jidhru wara xulxin huwa fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App Krim P vs Hardingham 19/10/1963) Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn certu grad ta' recklessness. (App Krim. P vs Charles Farrugia XXIX P 1018) Reckless giet definite bhala "wilfully shutting one's eye" (App Krim P vs Joseph Aquilina 204/04/1963) Invece sewqan negligenti jew traskurat iffisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita sinistri stradali (App Krim P vs Antonio Spiteri, Vol XLIV p. 892) .

Illi f'kwalunkwe kaz in-nuqqasijiet fis-sewqan tal-appellant aktar jinkwadraw ruhom taht il-forma ta' sewqan b'manjiera traskurata, bla hsieb u b' nuqqas t' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku milli ta' sewqan perikoluz, kif irriteniet li kien l-kaz l-Ewwel Qorti.

It-Tieni Aggravju

Illi l-piena li applikat milll-Ewwel hija wahda in eccess ta' dak permess mill-ligi u ghalhekk hija piena harxa wisq, sproporzjonata u barra mill-parametri tal-Ligi.

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tipprovdi:

Kull min -

(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenza, jew isuqha b ' nuqqas ta kont, bi traskuragni, jew b ' mod perikoluz, izda ma tkun mehtiega ebda licenza dwar bicycle; jew

(b) igieghel , ihalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura ohra tieghu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-licenza mehtiega biex issuq vettura bil mutur jew vettura ohra, ikun hati ta ' reat u jehel ,

(3) Fil-kaz ta' kull reat iehor taht is-subartikolu (1) il-qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b' zieda ghall-piena skont dak is subartikolu, ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewgan ghal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

Illi l-piena ta' prigunerija sospiza mhijiex mizura opportuna u indikata fil-kaz ta' offizi involuntarji f'incidenti tat-traffiku, l-istess piena hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incidenti stradali nvoluntarju ahseb u ara f'kaz bhal din fejn ma sehh l-ebda incident u di piu' ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz.

Illi f' kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur ta' regolamenti tat-traffiku, piena pekunarja hija ferm aktar addattata u xierqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti billi dan hu kaz sommarju.

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' l-Ispettur (specifikatament l-affidavit tieghu) li fit-12 ta' Frar, 2014 ghal habta tat-8.30 p.m. hu flimkien ma PC1402 Keith Rizzo kienu f'karozza tas-servizz pajzana fi Triq Psaila, Birkirkara. Huma waqfu fuq zebra crossing biex ihallu mara bit-tifla taghha taqsam it-triq. Minn gol-mera ra vettura gejja bi certu velocita' u qal lill-kuntistabbli li kien qed isuq biex idoqq il-horn. Il-vettura ma waqfitx izda qabez lill-karozza tal-pulizija u baqghet sejra. Fortunatament, il-mara u it-tifla waqfu hesrem u ma gara ebda incident.

Illi mill-indagini tal-pulizija rrizulta li kien l-appellant li ien qed isuq dik il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi x-xhieda tal-appellant hu kompletament l-oppost tal-affidavita tal-membri tal-korp tal-pulizija.  Hu xehed fis-sens li hu haseb li dik il-vettura tal-pulizija kienet wieqfa, hu ghamel is-sinjal u qabez l-istess.  Hu ma ra lil hadd fuq iz-zebra crossing.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-versjoni tal-pulizija hu wahda ferm aktar kredibbli minn dik ta' l-appellant.  Ghalhekk, din il-Qorti ser tistrieh fuq ix-xhieda tal-prosekuzjoni.

Illi l-ewwel Qorti kienet ordnat li l-licenzja tas-sewqan ta' l-appellant tigi sospiza ghal tlett xhur. Mill-atti jirrizulta li fil-fatt din il-piena giet skontata mill-appellant skont id-dokument tat-Transporrt Malta li gie ezebiet fil-mori tal-appell.

Illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Jean Claude Mallan u tikkonferma s-sentenza appellata.  Dwar is-sospensjoni tal-licenzja din il-Qorti tiddikjara li l-appellant digja skont is-sospensjoni tal-licenzja hawn fuq imsemmija u ghalhekk l-appellant jista' jibda jsuq b'effett immedjat.